MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2009

Numru. 375/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**Vs**
**Frans Scerri ta' 57 sena iben Nazzareno u Grace nee' Camilleri, imwieled Hal Qormi fid-19 ta' Frar 1951 u residenti gewwa numru 12, Embrach ville, Triq Spatafora, Attard u detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 288051(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Frans Scerri akkuzat talli:

1. Nhar is-27 ta' April 2008 ghal habta tas-2:00p.m. fi Triq Spatafora Attard, attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqies vjolenza

pubblika, kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe' kontra il-kuntistabbli PC793 Alfred Camilleri waqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Ryan Briffa li ghandu numru tal-karta ta'l-identuita' 40391(M), kif ukoll hekk kif iccertifika Dr. A. Bonello M.D. (reg.No.2983) tac-Centru tas-Sahha tal-Mosta;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Ryan Briffa, biza li ser tintuza vjolenza kontrih, meta hu kien jaf jew messu kien jaf li dik l-imgieba tieghu ser tikkagunalu biza.

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni w l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Rat l-kunsens ta'l-Avukat Generali tas-16 ta' Mejju 2008 sabiex dana il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja.

Rat l-atti kollha tal-kawza

Semghet il-provi u it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat,

Illi l-Qorti tibda biex tosserva mal-ewwel, illi dina l-kawza hija dwar incident sfortunat fejn persuna li tllbet il-protezzjoni tal-pulizija minhabba agir illegali li isehh b'mod regolari vicin ir-residenza tieghu minn grupp ta' zaghzagh, spicca arrestat huwa stess u tressaq l-Qorti b'arrest akkuzat bir-reati iktar 'il fuq indikati. Jidher illi l-imputat u martu flimkien mal-girien taghhom ilhom zmien twil jissaporta imgieba hazina ta' grupp ta' zaghzagh mhux identifikati ghajr ghaz-zewg zaghzagh li xehdu f'dawn il-proceduri, li jiltaqghu b'mod regolari fi gnien pubbliku li jinsab vicin ir-residenzi taghhom. Dawn iz-zaghzagh jidher li jaghmlu burdell shih, b'muzika gholja, hmieg u zibel li jhallu warajhom u anke imgieba ohra li tidher li ma hija

xejn dekoruza. (ara xhieda ta’ Peter Vella a fol.76 et seq.). Fil-gurnata in kwistjoni mart l-imputat cemplet ghal pulizija diversi drabi sabiex titlob l-assistenza taghhom. L-imputat ma felahx jissaporti iktar dina is-sitwazzjoni u iddecieda f’dak il-mument jiehu il-ligi b’idejh u johrog iwaqqaf huwa stess lil dawn iz-zaghzagh minflok joqghod jistenna lil pulizija jaslu fuq il-post. Bl-agitazzjoni li kellu fuqu huwa mar ghaz-zaghzugh u cioe’ ghal Ryan Briffa li huwa il-parti leza f’dina l-kawza, beda jghajjat mieghu sabiex jieqaf u fid-daghdigha tal-mument qabbdu minn ghonqu u gibbdu mill-flokk li kien liebes tant illi spicca qattaghulu. Ta’ dan hemm xhieda mhux biss Ryan Briffa u siehbu John Merceica, izda ukoll il-pulizija illi wasslu fuq il-post proprju f’dana il-mument u cioe’ il-PS 1270 u il-PC793. X’hin il-pulizija raw lill-imputat qed jaghmel dan huma marru sabiex jippruvaw izommu lill-imputat milli jagredixxi lil Briffa. F’dan il-hin harrget mid-dar mart l-imputat Frances Scerri, li fil-fixla, hatfet lil kuntistabbli 793 mill-qmis. Il-kuntistabbli beda jipprova izommha milli tkompli taghmel dana. Gara illi l-imputat x’hin sema lil martu tghajjat mar sabiex ipprova jiddefendieha u imbotta lil kuntistabbli 793, li jidher li imbotta lill-imputat lura u dana waqa’ fl-art. X’hin l-imputat u martu raw dana kollu, huma dahhlu gewwa darhom, izda il-pulizija infurmawhom illi kienu ser jigu arrestati u fil-fatt hekk sar u l-imputat tressaq l-Qorti akkuzat bl-akkuzi odjerni.

Illi l-imputat jinsab akkuzat prinicpalment bir-reat ai termini ta’l-artikolu
96 tal-Kapitolu 9. Illi dana l-artikolu tal-ligi jipprevedi l-attakk jew ir-
resistenza bi vjolenza jew b’hebb fuq persuna inkarigata skond il-ligi
minn servizz pubbliku filwaqt illi dik il-persuna tkun qed tagixxi ghall-
esekuzzjoni tal-Ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-Ligi minn awtorita
kompetenti.

Illi ma hemmx dubbju illi l-ufficjali tal-pulizija kollha involuti huma ufficjali pubblici jew persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku. Illi mill-provi jidher illi kienet mart l-

imputat Frances Scerri illi fil-fatt hebbet ghal kuntistabbli 793 u mhux l-imputat. L-imputat meta sema lil martu tghajjat irreagixxa ghal dan billi imbotta lil kuntistabbli. Il-kuntistabbli imbuttah lura u hu waqa' ma'l-art. Jidher illi f'dan il-hin il-pulizija wissew lill-imputat u lil martu sabiex ihallu f'idejhom u fil-fatt f'dak il-hin stess l-imputat qam minn ma'l-art u hu u martu dahhlu lura gewwa darhom. Ghalkemm l-pulizija bdew ghidulhom illi kienu ser jigu arrestati minhabba f'dan l-agir, huma fl-ebda hin ma regghu attakkaw jew irresistew lil pulizija b'xi vjolenza, izda dahhlu id-dar. Anzi meta l-pulizija bdew ighidulhom sabiex johorgu ghaliex ser jarrestawhom, huma ma harrgux ghaliex ma setghux jifhmu 'il ghala il-pulizija kienu ser jarrestawhom. Fil-fatt l-artikolu 99 ikompli jiddisponi illi:

"Ma tigi moghtija l-ebda piena ghal fatt biss ta'l-attakk jew tar-resistenza msemmijin fl-artikoli 96 u 98, kontra dawk li, ghalkemm ikunu ittantaw li jibdew jagixxu jew fil-fatt ikunu bdew jagixxu, ma'l-ewwel twissija tal-persuna li ghaliha jkunu habtu jew irresistew, jew ta'awtorita pubblika, ma jibqghux jissoktaw fl-esekuzzjoni tad-delitt.'

Illi fil-fatt f'dan il-kaz hekk sehh. Ghalkemm l-ewwel reazzjoni ta'l-imputat kienet illi huwa jipprova iwaqqaf lil pulizija 793, milli ikompli izomm lil martu u mar sabiex ihebb ghalih, madanakollu hekk kif il-kuntistabbli imbuttah u beda iwissieh sabiex ma ikompliex u sabiex ihallu f'idejhom, huwa qam mill-art u dahal 'il gewwa. Huwa car mix-xhieda ta'l-imputat u ta' martu, illi huma ma kellhom l-ebda intenzjoni ihebbu ghal, jew jattakkaw lill-pulizija, li fl-ahhar mill-ahhar kienu sejhulhom huma stess fuq il-post sabiex jaghtuhom il-protezzjoni li tant kellhom bzonn! Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi c-cirkostanzi kollha ta' dana il-kaz jinkwadraw ruhhom f'dak dispost fl-artikolu 99 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u kwindi l-ebda piena ma hija ser tigi inflitta fuq l-imputat ghal dana l-agir.

Illi l-imputat jinsab akkuzat ukoll illi ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Ryan Briffa kif ukoll illi bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Ryan Briffa biza li ser tintuza vjolenza kontrih, meta hu kien jaf jew messu kien jaf li dik l-imgieba tieghu ser tikkagunalu biza.

Illi ghar-rigward tat-tieni akkuza u cioe' ghar-rigward tar-reat ta' offiza hafifa fuq il-persuna ai termini ta'l-artikolu 21 tal-Kapitolu 9, l-Qorti tosserva illi ghalkemm gie esbiet certifikat mediku a fol.42 tal-process (Dokument RB2), dana ic-certifikat qatt ma gie ikkonfermat quddiem dina l-Qorti mit-tabib illi irrilaxxjah. Illi ghalhekk ghalkemm ic-certifikat jindika illi Ryan Briffa kellu xi griehi konsistenti f'xi erba "scratch marks" fuq in-naha tax-xellug ta'l-ghonq 'with abrasions and erythema around the area", madanakollu it-tabib Bonello qatt ma gie imressaq bhala xhud sabiex jikkonferma n-natura tal-griehi sofferti minn Ryan Briffa u jekk fil-fatt il-persuna li ezamina kienx proprju Ryan Briffa, il-parti leza f'dina l-kawza. Illi ghalhekk il-prosekuzzjoni naqqset milli tressaq l-ahjar prova ghar-rigward tal-griehi sofferti minn Ryan Briffa. Dana qed jinghad iktar u iktar fid-dawl tal-fatt illi l-imputat fix-xhieda tieghu cahad illi huwa f'xi hin qabad lil Briffa minn ghonqu, ghalkemm jammetti illi huwa qabbdu mit-T-shirt. Illi anke il-pulizija li xehdu f'dawn il-proceduri ighidu illi raw lill-imputat jaqbad lil Briffa mill-flokk u fl-ebda hin ma isemmu illi raw xi grif f'ghonq dana Briffa. (ara xhieda PS1270 Zammit u PC793 Alfred Camilleri – fols.46 u 53). Mhux biss, izda filwaqt illi kemm Ryan Briffa, kif ukoll John Merceica ighidu illi huma kien harrgu mill-karozza meta l-imputat agredixxa lil Briffa, iz-zewg pulizija li wasslu fuq il-post xehdu illi fil-fatt l-imputat hataf lil Briffa mit-tieqa tal-vettura filwaqt illi Briffa kien ghadu bil-qieghda gol-karozza. Illi kif inhu ben risput, fil-kamp kriminali, il-proskeuzzjoni ghandha l-obbligu li tipprova l-kaz taghha minghajr l-ebda dubbju dettat mir-raguni. Illi fid-dawl ta' dana il-kunflitt u fid-dawl tal-fatt illi ic-certifikat mediku ma giex ikkonfermat mit-tabib li irilaxxjah, l-Qorti sejra tillibera lill-imputat minn dina l-akkuza.

Illi it-tielet akkuza migjuba fil-konfront ta'l-imputat hija dik inkwadrata fl-artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi huwa minnu illi l-imputat agredixxa lil Ryan Briffa. Dana huwa ammess ukoll mill-imputat stess li ighid illi huwa mar vicin il-vettura fejn kien dana Briffa u beda ighajjat mieghu sabiex jieqaf. Jidher madanakollu illi kemm Briffa kif ukoll siehbu John Mercieca ireagixxew

ghal dina l-agressjoni u bdew ighajjtu lura ma'l-imputat, tant illi l-imputat jikkontendi illi huma anke bdew jidghu. Kien hawn illi l-imputat imbaghad qabad lil Briffa mill-flokk. F'dak il-mument wasslu il-pulizija fuq il-post u zammew lill-imputat, tant illi Briffa ma irreagixxiex iktar u halla f'idejn il-pulizija. Illi inoltre kif diga gie sottolinjat iktar 'il fuq hemm kunflitt fil-provi ghar-rigward ta' dak illi sehh f'dana il-mument ta'l-agressjoni, ghaliex filwaqt illi Briffa u Mercieca ighidu illi harrgu mill-karozza meta l-imputat mar ghalihom, il-pulizija isostnu illi l-agressjoni sehhet filwaqt illi z-zaghzagh kienu ghadhom gol-vettura. Illi kieku wiehed kellu ghal grazzja ta'l-argument jemmen il-verzjoni mogthija minn Briffa u Mercieca fejn qalu illi meta l-imputat resaq hdejn il-vettura taghhom u beda ighajjat maghhom, huma harrgu mill-karozza, allura dina l-akkuza certament ma tistax treggi ghaliex fl-ebda mument ma jidher illi huma bezghu minnu, tant illi hekk kif raw lill-imputat riesaq lejhom irrabjat, huma harrgu mill-karozza taghhom minflok saqu u harrbu minn fuq il-post! Illi ghalhekk lanqas dina l-akkuza ma tirrizulta sodisfacentement ippruvata.

Ghar-rigward ta'l-ahhar akkuza ta' natura kontravenzjonali, jinghad illi mill-provi migjuba gie ippruvat illi l-imputat kiser il-bon ordni u il-paci pubblika b'ghajjat u glied, meta huwa hareg ighajjat mid-dar tieghu u mar sabiex iwaqqaf lil dawn iz-zewg zaghzagh milli ikomplu jaghmlu l-istorbju. Huwa ovvju illi l-imputat kien agitat ferm f'dak il-mument u kif diga inghad, minflok qaghad bi kwietu gewwa daru jistenna lil pulizija jasslu, huwa iddecieda johrog mid-dar sabiex iwaqqaf lil dawn iz-zewg zaghzagh huwa stess. Illi l-imputat kif diga inghad ghamel dana madanakollu fis-sahna tal-mument u ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi fic-cirkostanzi twiddiba u canfira hija bizzejjed, u dana fid-dawl ukoll tal-fedina penali ta'l-imputat minn fejn jidher illi huwa mhuwiex bniedem ta' karattru refrattarju.

Illi fl-ahharnett il-Qorti ma tistax ma tigbidx l-attenzjoni ghall-awtoritajiet kollha ikkoncernati sabiex jaraw illi jittiehdu il-passi kollha necessarji sabiex dina is-sitwazzjoni tigi rimedjat mill-iktar fis possibbli. Illi

ghalkemm gnien pubbliku huwa post ta' rekreazzjoni, madanakollu ma ifissirx illi il-persuni li jaghmlu uzu minnu ghandhom jaghmlu dana b'nuqqas ta' rispett lejn ir-residenti tal-lokal. Illi storbju eccessiv, hmieg, vandalizmu, nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku (double parking), imgieba hazina u affarijiet ohra simili ma ghandhom qatt jigu ittollerati. Illum mhux biss il-pulizija huma responsabbli ghaz-zamma ta'l-ordni, izda l-kunsilli lokali f'kull lokalita ghandhom jaraw illi l-lokalita li taqa' taht ir-responsabbilta' taghhom tigi mharsa minn dana it-tip ta' agir. Dana jista' isir permess ta' sorveljanza regolari minn gwardajni lokali bl-assistenza dejjem tal-pulizija. Ir-residenti f'kull lokalita ghandhom ighixu f'ambjent nadif u hieles minn kull tniggiz u il-membri ta' kull kunsill lokali ghandhom id-dmir jaraw illi l-ligijiet fil-lokalita' taghhom qed jigu rispetttai u fin-nuqqas jirraportaw minnufih lill-pulizija u mhux ihallu lir-residenti jiggieldu dina l-battalja wahedom bil-konsegwenzi kollha li dina tista' iggib maghha!

Ghaldaqstant l-Qorti wara li rat l-artikolu 96, 99 u 338(dd)tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni u it-tielet akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, issibu hati ta'l-ewwel u ir-raba akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, izda wara li rat l-artikolu 99 tal-Ligijiet ta' malta, filwaqt li ma timponi l-ebda piena ghar-rigward ta'l-ewwel akkuzi, tikkundanna lill-imputat ghal canfira u twiddiba ghar-rigward tar-raba akkuza migjuba kontrieh.

Il-Qorti finalment tordna komunika ta' dina is-sentenza lill-Kunsill Lokali ta'H'Attard.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------